MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 147/2003

***M. Quip Co. Limited* u *Vanguard Billiard Tables Limited***

***Versus***

**Mark Bradley Speigner u martu Anna Francis Antonia Speigner**

Din is-sentenza hija dwar tliet eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-konvenuti: eċċezzjoni ta' deżerzjoni, eċċezzjoni ta' inkompetenza *ratione valoris*, u eċċezzjoni illi l-konvenuti ma humiex kontradittturi leġittimi, b'talba għal sejħa ta' terzi fil-kawża.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-konvenut kien ilu ħafna snin impjegat mas-soċjetà attriċi *M. Quip Co. Limited* ġ"l-ewwel attriċi"ħ bħala *sales manager*; kellu kariga ta' fiduċja u kien fdat bl-informazzjoni kunfidenzjali kważi kollha li għandha x'taqsam mat-tmexxija tan-negozju tal-kumpannija. Is-soċjetà attriċi l-oħra, *Vanguard Billiard Tables Limited* ġ"it-tieni attriċi"ħ, għandha rabtiet ma' l-

ewwel attriċi u tmexxi n-negozju tagħha mill-istess stabbiliment u għandha l-istess diretturi.

Fix-xhur qabel ma nfetħet il-kawża l-konvenut kien laqqa' lid-diretturi tas-soċjetajiet attriċi ma' persuna li tiġi minnu u li toqgħod l-Amerika; lil din il-persuna kien ressaqha bħala negozjant stabbli, ta' min jafdah u li kellu proġetti li minnhom l-atturi setgħu jagħmlu qligħ kbir. Il-konvenut u l-persuna li laqqa' mad-diretturi ħajru lill-atturi jinvestu l-ħin tagħhom u ta' l-impjegati tagħhom — fosthom il-konvenut — u wkoll flejjes tagħhom f'proġetti illi wara ħareġ li kienu biss *messa in scena*. L-atturi kienu tħajru wkoll jagħmlu spejjeż għall-akkommodazzjoni tal-persuna li l-konvenut laqqagħhom magħha u ġarrbu spejjeż oħra għax ħallew lil dik il-persuna tinqeda bil-faċilitajiet u bis-servizzi tagħhom; barra minnhekk, dik il-persuna għamlet tagħha bla ma kellha jedd proprjetà ta' l-ewwel attriċi.

Għal dawn l-ispejjeż u danni li ġarrbu l-atturi għandu jwieġeb il-konvenut, minħabba jew negliġenza u nuqqas ta' għaqal bħal ta' *bonus paterfamilias* jew saħansitra minħabba għemil malizzjuż magħmul bi ħsieb kontra l-interessi ta' l-atturi u bi ksur tad-dmir ta' konfidenzjalità li kellu lejn l-ewwel attriċi.

Barra minn hekk, il-konvenuti għandhom ukoll jagħtu lill-ewwel attriċi tlitt elef, tmien mija u tmintax-il lira u disgħa u sittin ċenteżmu (Lm3,818.69) bħala radd ta' self ta' flus u ta' prodotti.

L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenut għandu jwieġeb għall-ispejjeż u d-danni li ġarrbu l-atturi minħabba negliġenza u nuqqas ta' għaqal bħal ta' *bonus paterfamilias* u/jew minħabba għemil malizzjuż magħmul bi ħsieb u wkoll minħabba ksur tad-dmir ta' konfidenzjalità li kellu lejn l-ewwel attriċi;
2. tillikwida l-ispejjeż u d-danni li ġarrbet kull waħda mill-atturi;
3. tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lil kull waħda mill-atturi s-somma hekk likwidata; u
4. tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-ewwel attriċi tlitt elef, tmien mija u tmintax-il lira u disgħa u sittin ċenteżmu (Lm3,818.69) bħala radd ta' self ta' flus u ta' prodotti.

Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta’ żewġ mandati kawtelatorji, u l-imgħax legali fuq is-somma murija fir-raba’ talba sa meta jsir il-ħlas.

Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

1. ladarba l-proċeduri bil-miktub tal-kawża ma ngħalqux fiż-żmien perentorju ta’ sitt xhur minn meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, il-kawża għandha titqies bħala kawża li tkun tqiegħdet fuq il-lista ta’ kawżi għas-smigħ u li wara b’ordni tal-qorti tkun tħalliet għal data mhix speċifikata; għalhekk għandha titqies bħala deżerta sakemm ma tiġix appuntata mill-ġdid mill-qorti fiż-żmien perentorju ta’ sitt xhur minn meta tkun hekk ġiet differita jew sospiża jew ikun ġie ippreżentat rikors, f’dak iż-żmien, biex titqiegħed mill-ġdid fuq il-lista għas-smigħ; dak ir-rikors ma sarx fiż-żmien mogħti u għalhekk il-kawża hija deżerta;
2. ir-raba’ talba ma għandhiex tinstema’ quddiem din il-qorti li hija inkompetenti *ratione valoris*; u
3. il-konvenuti ma humiex kontradittūri leġittimi u għalhekk għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju; barra minn hekk, għandhom jissejħu fil-kawża John Dyer (li hu assenti minn Malta) u s-soċjetà *Worldtech Solutions Limited*.

Din is-sentenza tallum hija dwar dawn it-tliet eċċezzjonijiet.

**1. <u>L-eċċezzjoni ta’ deżerzjoni</u>**

L-eċċezzjoni ta’ deżerzjoni hija mibnija fuq l-artt. 963 *et seqq.* tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

**963.** (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 416 u 420[1], il-proċedura bil-miktub, f’kull kawża, għandha tiġi magħluqa, fil-qorti ta’ l-ewwel grad, fiż-żmien perentorju ta’ sitt xhur, u, fil-qorti fi grad ta’ appell, fiż-żmien perentorju ta’ sena.

(2) Fil-qorti ta’ l-ewwel grad, iż-żmien jibda għaddej minn dak in-nhar tal-preżentata taċ-ċitazzjoni, u, fil-qorti fi grad ta’ appell, minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors ta’ l-appell għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata.

(3) Jekk jinsab li l-proċeduri bil-miktub, f’kawża miġjuba fuq il-lista għas-smigħ, m’humiex magħluqa, il-qorti tista’ tordna li din il-kawża terġa’ tiġi mqiegħda mal-kawżi li l-

[1] Dawn l-artikoli huma dwar il-proceduri ta’ konkorsi.

proċeduri tagħhom bil-miktub ikunu għadhom mhux magħluqa, u tiffissa, għall-egħluq ta' dik il-kawża, żmien perentorju ta' mhux aktar minn xahar.

(4) B'dak kollu li hu miġjub fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, il-proċeduri bil-miktub għandhom jitqiesu magħluqa kemm-il darba l-parti, li ma tkunx ġiet innotifikata b'att meħtieġ għall-egħluq tal-proċess, tidher waqt is-smigħ tal-kawża u ma tagħtix l-eċċezzjoni li l-proċeduri bil-miktub ma ġewx magħluqa u tgħaddi jew xjentement tħalli lil ħaddieħor jgħaddi għal atti oħra bla ma tagħti dik l-eċċezzjoni.

(5) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 732[2], kawża, li l-proċeduri bil-miktub tagħha ma jiġux magħluqa fiż-żmien hawn fuq imsemmi:

(*a*) meta l-kawża tkun quddiem qorti ta' l-ewwel grad, din għandha titqies bħala kawża li tkun tqegħdet fuq il-lista ta' kawżi għas-smigħ u li sussegwentement b'ordni tal-qorti, tkun tħalliet għal data mhux speċifikata, u d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 964 sa 967 ta' dan il-Kodiċi għandhom ikunu japplikaw għaliha; u

(*b*) meta l-kawża tkun quddiem qorti tat-tieni grad, din għandha titqies bħala kawża deżerta.

(6) Bid-deżerzjoni ta' kawża fil-qorti ta' l-ewwel grad il-proċediment jispiċċa iżda ma jispiċċax il-jedd għall-azzjoni. Fil-qorti fi grad ta' appell, bid-deżerzjoni jispiċċa l-appell, u s-sentenza appellata ssir ġudikat.

**964.** (1) Kull kawża li jkun hemm f'qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili li, wara li tkun ġiet imressqa għas-smigħ, tiġi, b'ordni tal-qorti, differita *sine die* jew xort'oħra sospiża għandha titqies bħala deżerta sakemm ma tiġix appuntata mill-ġdid mill-qorti fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur minn meta tkun hekk ġiet differita jew sospiża jew ikun ġie ppreżentat fil-qorti rikors, f'dak il-perjodu, biex tiġi appuntata mill-ġdid:

Iżda meta l-kawża tkun ġiet sospiża sakemm tiġi deċiża kawża oħra, iż-żmien jibda għaddej mid-data meta din is-sentenza tkun mogħtija.

(2) Kawża tiġi appuntata mill-ġdid jew mill-qorti fuq il-mozzjoni tagħha stess jew wara rikors ta' waħda mill-partijiet.

---

[2] Dan is-subartikolu jrid illi l-eccezzjoni ta' deżerzjoni tinghata qabel kull eccezzjoni perentorja ohra.

Fil-każ tallum, iċ-ċitazzjoni kienet ġiet preżentata fit-12 ta' Frar 2003 iżda, billi l-atti ma kienx fihom tagħrif biżżejjed biex iċ-ċitazzjoni setgħet tinħareġ, il-qorti, flok ħarġet iċ-ċitazzjoni, b'dikriet tad-19 ta' Ġunju 2003[3] ordnat lill-atturi jagħtu t-tagħrif meħtieġ. L-atturi taw dan it-tagħrif b'nota tat-30 ta' Lulju 2003[4], u ċ-ċitazzjoni nħarġet għan-notifika tal-konvenuti b'dikriet tas-7 t'Awissu 2003[5]. Sar tentativ ta' notifika fil-25 t'Awissu 2003, iżda għalxejn[6]. Fl-20 t'April 2004 l-atturi talbu illi n-notifika ssir wara l-ħin legali, u t-talba ntlaqgħet b'dikriet mogħti fit-22 t'April 2004[7]. Il-konvenuti mbagħad ġew notifikati fis-17 ta' Mejju 2004[8], u ressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom fil-31 ta' Mejju 2004[9], meta għalhekk ingħalqet il-proċedura bil-miktub.

L-istitut tad-deżerzjoni ma huwiex maħsub biex jippenalizza lill-attur għal dewmien li jseħħ minħabba l-ħtiġijiet amministrattivi tal-qorti, u lanqas ma hu maħsub biex jorbot idejn il-qorti fl-appuntament tal-kawżi.

Il-proċedura bil-miktub hija maħsuba biex jingħata lill-qorti u lil-parti l-oħra t-tagħrif meħtieġ biex il-kwistjonijiet f'kawża jkunu identifikati sew u għalhekk ma jinħeliex ħin fi smigħ ta' xhieda irrelaventi. Huwa għalhekk fl-interess ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, għax iwassal għal aktar effiċjenza fl-użu tal-ħin, illi l-qorti ma tħallix li tingħalaq dik il-proċedura qabel ma jkunu nġiebu quddiemha l-atti u d-dokumenti kollha meħtieġa għal tmexxija aħjar tal-kawża. Iż-żmien li tieħu l-qorti biex tagħti d-dikrieti meħtieġa biex iseħħ dan ma jweġbux għalih il-partijiet, u għalhekk iż-żmien bejn it-12 ta' Frar 2003, meta kienet preżentata ċ-ċitazzjoni, u d-19 ta' Ġunju 2003, meta ngħata l-ewwel dikriet, ma jingħaddx fiż-żmien ta' sitt xhur.

Ma jistax ikun hemm dubju iżda illi, wara li nħarġet iċ-ċitazzjoni fis-7 t'Awissu 2003, iż-żmien kompla għaddej u

---

3 *Fol*. 5.

4 *Foll*. 6 *et seqq*.

5 *Fol*. 308.

6 *Fol*. 309 *tergo*.

7 *Fol*. 310.

8 *Fol*. 312 *tergo*.

9 *Foll*. 313 *et seqq*.

mbagħad kien imiss lill-atturi illi jaraw illi l-atti jiġu notifikati lill-konvenuti sabiex tkun tista' tingħalaq il-proċedura bil-miktub.

Wara li, fil-25 t'Awissu 2003, sar tentativ ta' notifika li iżda kien għalxejn, l-atturi ħallew sal-20 t'April 2004 biex jitolbu li jsir tentativ ieħor ta' notifika, din id-darba wara l-ħin legali. Iż-żmien li l-proċeduri damu wieqfa, minħabba nuqqas ta' notifika, bejn il-25 t'Awissu 2003 u l-20 t'April 2004, kien ta' aktar minn sitt xhur. Ladarba kien imiss lill-atturi li jaraw illi ssir in-notifika, dak iż-żmien iwieġbu għalih huma.

Li kienu dawn biss il-fatturi relevanti għall-kawża tallum, il-qorti kienet tieqaf hawn u tilqa' l-eċċezzjoni ta' deżerzjoni; f'din il-kawża iżda huma relevanti wkoll konsiderazzjonijiet ta' *ius superveniens*. Fil-fatt l-art. 964 huwa miġjub fuq kif inhu llum, wara li kien sostitwit bl-art. 188 ta' l-Att. XXXI ta' l-2002; kien hemm ukoll l-art. 965 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li kien imħassar bl-art. 189 ta' l-Att XXXI ta' l-2002. Dawn l-emendi daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2003, bis-saħħa ta' l-Avviż Legali 342 ta' l-2003. Qabel l-emendi, l-artt. 964 u 965 kienu jgħidu hekk:

**964.** (1) Jekk f'qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili jkunu jinsabu kawżi ġà mressqa għas-smigħ, u, wara, b'ordni tal-qorti, differiti *sine die* jew xort'oħra sospiżi u jdumu hekk differiti jew sospiżi għal iżjed minn tliet xhur, ir-reġistratur għandu fl-aħħar tax-xahar li matulu jkun għadda ż-żmien hawn fuq imsemmi, jagħmel lista tagħhom, imsejħa "Lista tal-kawżi sospiżi fil-Qorti .... (u jdaħħal hawn l-isem tal-qorti)" u għandu jsemmi fiha d-data ta' l-aħħar digriet jew ordni li bihom kull waħda mill-kawżi tkun ġiet differita u r-reġistratur għandu jippubblika dik il-lista billi jieħu ħsieb li tiġi mwaħħla fid-daħla ta' l-edifizzju fejn il-qorti toqgħod.

(2) Ir-reġistratur għandu jagħmel u jippubblika listi separati tal-kawżi hekk pendenti f'kull waħda mill-Qrati Superjuri, jiġifieri, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-Qorti ta' l-Appell u fil-Qorti Kostituzzjonali. Listi bħal dawn għandhom ukoll isiru u jiġu pubblikati mir-reġistratur fil-każ ta' kawżi pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri.

(3) Kull lista għandha ġġib id-data tal-pubblikazzjoni tagħha, u għandha tibqa' mwaħħla fil-lok hawn fuq imsemmi għal mill-inqas xahar minn dik id-data.

**965.** Kull kawża mdaħħla fil-lista bħalma jingħad fl-aħħar artikolu qabel dan, titqies deżerta kemm-il darba, fi żmien xahar li jibda jgħodd mill-aħħar ġurnata taż-żmien ta' xahar hawn fuq imsemmi, ma jiġux imharsa, skond ma jkun il-każ, id-disposizzjonijiet li ġejjin, jiġifieri -

(*a*) jekk, meta l-kawża tkun ġiet sospiża … … … minħabba xi difett fil-proċedura, ebda waħda mill-partijiet ma tagħmel dak li hu meħtieġ biex tqiegħed il-kawża hekk sospiża fi stat li jista' jinbeda jew jissokta s-smigħ tagħha;

… … … *omissis* … … …

Dan kien ifisser illi d-deżerzjoni ma sseħħx *ipso iure* wara li jgħaddu s-sitt xhur, għax kien meħtieġ ukoll illi ssir il-lista msemmija fl-art. 964. Din il-lista ma saritx fil-każ tallum.

Huwa minnu illi emendi fil-liġijiet tal-proċedura jolqtu kawżi li jkunu ġà nbdew meta jidħlu fis-seħħ; iżda dawk il-kawżi li jkunu ġà nbdew jintlaqtu bil-liġijiet il-ġodda minn dakinhar li l-liġijiet jidħlu fis-seħħ 'il quddiem. Għalhekk, kull żmien qabel l-1 ta' Diċembru 2003, meta l-emendi kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ, ma għandux jitqies għall-għanijiet tad-dispożizzjonijiet ġodda dwar id-deżerzjoni li jolqtu l-kawża tallum, u ż-żmien ta' sitt xhur li issa hu biżżejjed biex iwassal biex kawża titqies deżerta jekk igħaddi bla ma jkunu ngħalqu l-proċeduri bil-miktub beda jseħħ mill-1 ta' Diċembru 2003. Is-sitt xhur għalhekk għalqu fil-31 ta' Mejju 2004, proprju dakinhar meta l-preżentata tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti għalqet il-proċeduri bil-miktub.

Billi għalhekk il-proċeduri bil-miktub kienu magħluqa meta għaddew is-sitt xhur, l-eċċezzjoni ta' deżerzjoni ma tistax tintlaqa' u hija miċħuda.

**2. <u>L-eċċezzjoni ta' inkompetenza *ratione valoris*</u>**

L-eċċezzjoni ta' inkompetenza *ratione valoris* tolqot ir-raba' talba, li hija għal tlitt elef, tmien mija u tmintax-il lira u disgħa u sittin ċenteżmu (Lm3,818.69).

L-art. 759 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk:

**759.** Jekk l-attur jitlob il-ħlas ta' diversi somom bħala li għandhom jingħataw lilu għal raġunijiet diversi, il-valur jiġi

determinat mill-ogħla somma, bla ma jitqiesu s-somom iżgħar.

L-atturi qegħdin jitolbu mhux biss it-tlitt elef, tmien mija u tmintax-il lira u disgħa u sittin ċenteżmu (Lm3,818.69) msemmija fir-raba' talba, iżda wkoll, bħala danni, somma li hija indeterminata. Għalhekk, ladarba hemm talbiet li jaqbżu l-kompetenza tal-qorti ta' ġurisdizzjoni limitata, it-talbiet kollha jidħlu fil-kompetenza ta' din il-qorti, u l-eċċezzjoni ta' inkompetenza *ratione valoris* hija miċħuda.

**3. <u>L-eċċezzjoni illi l-konvenuti ma humiex kontradditturi leġittimi</u>**

Fit-tielet eċċezzjoni l-konvenuti jgħidu illi ma humiex kontradditturi leġittimi, u għalhekk għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, għax fit-taħditiet li jissemmew fiċ-ċitazzjoni, li saru bejn l-atturi u ċertu John Dyer, il-konvenut ma kienx ħa sehem f'ismu proprju iżda f'isem l-istess John Dyer.

L-atturi iżda qegħdin ifittxu lill-konvenuti minħabba f'għemil tal-konvenut għax qegħdin igħidu li l-konvenut naqas milli jimxi bil-għaqal, u, anzi, mexa wkoll b'malizzja meta laqqagħhom ma' Dyer; il-kwistjoni għalhekk hi dwar jekk kienx nuqqas tal-konvenut li wassal biex l-atturi ġarrbu danni, u l-kontradittur leġittimu f'din il-kwistjoni huwa l-konvenut u, safejn ir-responsabbiltà tiegħu tista' tolqot il-komunjoni ta' l-akkwisti, il-konvenuta martu.

L-eċċezzjoni illi l-konvenuti ma humiex kontradditturi leġittimi hija għalhekk miċħuda.

**4. <u>It-talba biex terzi jissejħu fil-kawża</u>**

Fit-tielet eċċezzjoni l-konvenuti qegħdin jitolbu wkoll is-sejħa ta' terzi fil-kawża. Dawn it-terzi huma John Dyer, imsemmi fuq, u s-soċjetà *Worldtech Solutions Limited*, soċjetà mwaqqfa bejn il-konvenut u t-tieni attriċi.

Iż-żewġ partijiet jaqblu illi *Worldtech Solutions Limited* qatt ma operat, u għalhekk ma jidhirx kif seta' kellha sehem f'xi għemil li wassal għat-telf ta' l-atturi. Ma jidhirx għalhekk illi għandha interess illi tikkontesta l-kawża.

John Dyer, safejn qiegħed jingħad illi kien kompliċi tal-konvenut f'għemil li wassal għat-telf ta' l-atturi, għandu dan l-interess. Barra minn hekk, fil-premessi taċ-ċitazzjoni l-atturi ma humiex qegħdin jeskludu illi l-konvenut mexa biss b'nuqqas ta' għaqal, mhux b'qerq, u dan jagħtih jedd, taħt l-art. 1050(2) tal-Kodiċi Ċivili, illi

jitlob li jissejjaħ fil-kawża min kellu sehem fl-għemil tal-ħsara.
Għalhekk, il-qorti sejra tilqa' t-talba biex jissejjaħ fil-kawża John Dyer.
Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tiċħad ukoll it-tielet eċċezzjoni safejn din trid illi l-konvenuti jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju. Tiċħad it-talba għas-sejħa ta' *Worldtech Solutions Limited* fil-kawża iżda tilqa' t-talba għas-sejħa fil-kawża ta' John Dyer.
Il-qorti għalhekk issejjaħ lil John Dyer fil-kawża. Il-konvenuti għandhom jieħdu ħsieb illi l-imsejjaħ fil-kawża jiġi notifikat b'kopja ta' l-atti u d-dokumenti kollha fil-proċess, u l-imsejjaħ fil-kawża għandu mbagħad jimxi kif irid id-dikriet tas-7 t'Awissu 2003.
Dwar l-ispejjeż ikun hemm provvediment fis-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------